MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1103/2004

**Mirachem Marketing Limited (C8790)**
**Vs**
**Av Dr Leslie Cuschieri LL.D nominat b'digriet tas-17 ta' Ġunju, 2004 kuraturi deputati ħalli jirrappreżentaw l-interessi ta' l-assenti Cristian Benno.**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fil-21 ta' Mejju, 2004 fejn is-soċjeta` attriċi talbet sabiex il-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' Lm 1,419.55 (elf, erbgħa mija u dsatax-il lira Maltija u ħamsa u ħamsin ċenteżmu) rappreżentanti arretrati ta' kera dovuta, ħlas ta' konsum ta' utilities u danni kkaġunati fil-fond 'The Penthouse' 58, Richmond Court, Triq Sir Arturo Mercieca, Sliema.

Fl-Avviż tat-talba intqal li:-

Inti għandek tħallas is-somma ta' elf, erbgħa mija u dsatax-il lira Maltija u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (Lm 1,419.55) rappreżentanti arretrati ta' kera dovuta minnek,

ħlas ta’ konsum ta’ utilities magħmul minnek u danni li inti kkaġunajt fil-fond bl-isem ta’ ‘The Penthouse’ 58, Richmond Court, Triq Sir Arturo Mercieca, Sliema, liema fond kien mikri lilek mis-soċjeta’ attriċi.

Bl-ispejjeż skond il-liġi sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju bin-numru 275/2004 ippreżentat qabel il-preżenti avviż.
Ra r-risposta fejn ingħad illi:-

1. B’Digriet tas-17 ta’ Ġunju, 2004 l-esponent ġie nominat kuratur deputat biex jirrappreżenta l-interessi ta’ l-assenti Cristian Benno;

2. Madanakollu huwa m’għandu ebda mezz kif jikkomunika ma’ din il-persuna u għalhekk filwaqt li jitlob lill-kontro-parti tgħaddilu kull informazzjoni dwar kif tista’ tiġi kkomunikata din il-persuna, jirriżerva li jirrispondi u jeċċepixxi ulterjorment fi stadju ulterjuri.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kawża tirrapreżenta talba għall-ħlas ta’ elf erbgha mija u dsatax-il lira Maltija u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (Lm1,419.55) dovuti għall-kera dovuta u konsum ta’ servizzi għall-fond mikri mill-istess konvenut mingħand is-soċjeta` attriċi.

Illi t-Tribunal jagħmel riferenza għax-xhud ta’ Ferdinand Grech, rappreżentant tas-soċjeta` attriċi fis-seduta ta’ l-1 ta’ Frar 2005. Billi x-xhieda tiegħu tirrapreżenta l-prova tal-kirja u ta’ l-ammont dovuta ma ġietx kontradetta.

It-Tribunal jilqa’ t-talbiet attriċi, jiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut, jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta’ elf, erbgħa mija u dsatax-il lira Maltija u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (Lm1,419.55) bl-ispejjeż u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------